# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**AWISSU-SETT. 1937 ]** **IS-SEBA' SENA** **[ Ghadd 78-79**


## ĠANNI VASSALLO

( 1862 - 1937 )

*Jiswa li niftakru fih.*

Bil-mewt ta' Ġanni Vassallo li ġrat Għawdex fis-26 ta' Mejju li għadda, il-*Għaqda tal-Malti* ta' l-Università fil-ħames snin li ilha wieqfa tilfet it-tieni u l-aħħar wieħed fost iż-żewġt ixjuħ ħbieb tagħha li kienu marbutin magħha, sa minn mindu twieldet, b'rabtiet ta' l-egħżeż tifkirijiet fil-Ġrajja tagħha.

Sir Temi Zammit, l-ewwelnett bħala gradwat u ex-Rettur ta' l-Università u mbagħad bħala kittieb magħruf tal-proża maltija, kien fost dawn l-ewwel ħabib li tilfet l-*Għaqda* ta' l-Università flimkien mal-*Għaqda* l-oħra tal-*Kittieba tal-Malti* li bil-għajnuna tiegħu u ta' Muscat-Azzopardi kienu fetħu t-trieq biex minnha l-istudenti universitarji, skond ma jixraq, ikollhom dak is-sehem illi nazzjonijiet oħra kellhom qabilna fit-torbija u kobor ta' Lsienhom.

Iżda Ġanni Vassallo, għalkemm mhux wild l-Università, huwa xejn inqas marbut ukoll mal-*Għaqda* tagħha b'ħaġa li jekk ma tagħlebx is-sehem ta' ħila letterarja ta' ħaddieħor li jagħmel minn demmha, hija daqshekk ieħor utieqa, qawwija u fejjieda għax hija waħda mis-sisien li fuqha s'issa nbniet id-Dar il-Ġdida tal-Malti,

Fuq il-ħidma ta' Ġanni Vassallo għall-Malti ma għandniex għalfejn noqogħdu ngħidu wisq. Bħala l-ixjeħ wieħed li kien baqa' fost il-Bennejja tal-Malti, jafuh il-kittieba kollha tal-Malti taż-żewġ Għaqdiet, iżda tajjeb u jixraq li xogħlu u għemilu ngħarrfuhom u nfakkruhom għal dawk li għad iridu jaslu warajna.

Lil Ġanni nafuh l-ewwel darba meta kien għadu kif ħareġ l-ewwel xogħol tiegħu, "Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija", jiġifieri mal-40 sena ilu meta mal-ħeġġa għall-istudju tal-Malti li kellu, id-dawl tal-għaqal, flimkien mal-ħlewwa ta' l-imġîba tiegħu, mexxewh ħafna biex jirbaħ il-fehmiet ta' l-egħdewwa tal-Malti jew ta' kittieba oħra li għall-ebusija ta' rashom jew b'għira tas-sengħa ħabtu jagħtuh daharhom.

Fost dawk li kienu ngħaqdu fuq il-bini mġarraf tax-*Xirka Xemïa* biex jibnu mill-ġdid (fosthom insemmu lil Napuljun Tagliaferro u lil Ġużè Muscat Azzopardi), huwa baqa' waħdu jaħdem biex iwettaq il-ħsieb sabiħ tiegħu u, fuq Alfabet mexxej u reguli sodi ta' l-ortografija, jiġbor taħt bandiera waħda il-ġliba tal-kittieba t-tajba tal-Malti. Jekk il-ħidma tiegħu fl-aħħarnett nifditx xehduh f'ħajtu stess il-pubblikazzjonijiet tal-kotba bil-Malti ta' l-Iskejjel tal-Gvern, u wara żmien, tal-"Ħabib" u ta' kotba oħra li l-lum jagħmlu l-ewwel ħemel ta' l-egħlejjel mill-għalqa tal-letteratura maltija tal-lum, pubblikazzjonijiet li ftit jew wisq imxew fuq it-tagħlim tar-reguli tiegħu.

Napuljun Tagliaferro, wieħed mill-aqwa Mgħallmin tal-Malti fi żmienu, kellu l-akbar qima għalih u qabbdu mal-Gvern għat-traduzzjoni tal-ktieb ta' Prescott fuq l-Imblokk il-Kbir ta' Malta bħala ktieb tal-qari fl-iskejjel (1930). Qabel dan, huwa kien qaleb għall-Malti l-*Irsir tax-Xwieni* u l-*Flora* mill-Franċiż ta' A. De Kermainguy, il-*Maħdi* u *Cassilda* (fil-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien) b'ortografija mhux hekk tar-reqqa bħal dik ta' "l-Imblokk",u kotba oħra li kiteb wara li ħareġ il-"Muftieħ" (1902). Dik il-ħabta kien jikteb ukoll fis-"Salib", meta b'dawn l-ewwel xogħlijiet

ta' kitba maltija beda jkun magħruf bħala wieħed mill-aħjar kittieba tal-Malti.

Fost l-Alfabetisti tal-Malti, Ġanni Vassallo f'żgħożitu kien minn dawk tat-trieq tan-nofs, bħalma kien jixraq għall-ewwel lil kittieb tal-għamla tiegħu fi żminijiet meta l-Malti kien għadu kif ħa daqqa ta' ħarta ġmielha bil-waqgħa ta' l-Alfabet Fonetku tax-*Xirka Xemia* li bir-riformi fis-sistema tat-tagħlim ta' dak iż-żmien kien tneħħa mill-Iskejjel (1888) u floku nħaseb biex jinħoloq Alfabet li jaqbel iżjed mal-kitba popolari.

Kien għalhekk illi meta l-Kummissjoni tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* (1921), li fiha kien membru huwa wkoll, qatgħet li tagħmel alfabet mibni fuq prinċipji fonetiċi, huwa deherlu li dak l-alfabet ma sata' qatt jimxi fost il-kittieba tal-Malti u lanqas fl-istampa maltija qabel ma jidħol fit-tagħlim tal-Malti fl-Iskejjel. U ż-żmien tah raġun.

B'danakollu huwa waqaf mal-*Għaqda* u kellu sehem kbir fir-reguli tal-Fonetika tat-"Tagħrif". Fuq is-sistema tat-"Tagħrif", huwa ħadem il-ktejjeb *Ortografia Maltese* li jiswa mitqlu deheb għall-istudenti tal-fonetika maltija li fiha Ġanni kien jisboq lil kull awtur ta' grammatka maltija. It-"Tieni Ctieb tal-Muftieħ tal-Chitba Maltija" kien ħarġu bil-ħsieb li jgħin l-istudenti li dik il-ħabta kellhom jistudjaw il-Malti għall-eżamijiet fuq is-sistema uffiċjali ta' dak iż-żmien.

Ġanni Vassallo, sew hawn Malta kemm ukoll barra, sewa ta' għajnuna lil nies li għamlu studju fuq il-Malti, fosthom lill-Professur Luigi Bonelli ta' l-"Istituto Orientale" ta' Napli u kien tah bosta dawl fuq xi kliem u qwiel maltin fil-waqt li Bonelli kien jikteb il-"Dialetto Maltese" fl-Archivio Glottologico Italiano (1897-1907.)

L-arabista Dr. Hans Stumme fil-'Maltesische Studien' tiegħu (1904), fost il-kotba tajbin għall-istudju tal-Malti, semma l-*Muftieħ* ta' Ġanni Vassallo, u fuq kollox qal: "Mindu Bonelli ġabar dik il-lista ta' kotba, ħarġu oħrajn bil-Malti, iżda ma hemmx għalfejn wieħed ifittixhom

għaliex ebda wieħed minnhom sewwa sew ma jitkellem fuq ir-rabta fonetika tal-lsien malti (ma' oħrajn). B'danakollu, jixraq li nsemmu ktieb ta' fejda mill-aktar ta' wieħed filologu malti "Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija maħdum minn G. Vassallo . . ."

ĠANNI VASSALLO, barra l-għerf u s-sengħa tal-kitba maltija kellu ħaġa sabiħa li ma ssibhiex f'kull kittieb tal-Malti u din kienet it-tjubija ta' qalb imsieħba maċ-ċaħda tiegħu n-nifsu biex dejjem igħin lil ħaddieħor u l-Lsien Malti. Ma' dawn, biex aktar isebbaħlu x-xbieha tiegħu ħt-tifkirijiet tal-Ġrajja tal-Kitba Maltija, il-fehma ċkejkna tiegħu n-nifsu li kienet tkabbru f'għajn in-nies u toħloqlu dik il-qima illi ħass għalih il-kittieb tal-"Modern Maltese Literature" (*Bullettin of the School of Oriental Studies.* Vol-VII, Part 4, 1935) meta, għalkemm beżbżu għax fit-*Tieni Muftieħ* kien ġenneb l-Alfabet tal-*Għaqda,* ma stmellx isejjaħlu "*most estimable*".

ĠANNI VASSALLO jibqa' għalhekk ix-xempju li minnu aħna, li mxejna biċċa trieq sewwa miegħu, għandna nitgħallmu mhux ftit biex niċħdu lilna nfusna għall-ġid tal-Malti.

Jaqbel għalhekk li nibqgħu niftakru fih, u fuq xogħlu u għemilu nisġu l-bqija tal-medd ta' ħajjitna sew bħala kittieba tal-Malti kemm bħala Maltin u Wlied il-Maltin.

A. C.